Maria Regina College
Creative, Innovative, Professional

**Maria Regina College**
Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre
Triq il-Madonna tal-Abbandunati
Wardija, San Pawl il-Baħar SPB 6351
☎ 25986780
mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt
http://sns.wardija.skola.edu.mt/

# Sena skolastika 2020-2021

## Linji gwida u informazzjoni għall-Ġenituri/Gwardjani (fuq struzzjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika)

Bħalissa l-iskola tinsab fil-proċess li tilqa' mill-ġdid 'l-istudenti u qed tagħmel minn kollox biex tieħu l-miżuri kollha neċessarji minħabba l-imxija. Għalhekk waqt li f'dawn il-ġranet ser inkomplu inżommukom informati, ser inkunu qed naġġornawkom wkoll dwar meta se jibdew l-istudenti, dwar il-*pick-up points* tat-trasport u tagħrif ieħor meħtieġ bħal dan li ġej.

### Filgħodu qabel l-istudenti ma jitilqu mid-dar għall-iskola

- It-tfal m'għandhomx jintbagħtu l-iskola jekk iħossuhom ma jifilħux. Ikkonsultaw tabib.
- Għalhekk filgħodu l-ġenituri/gwardjani għandhom jiċċekkjaw lil uliedhom għal dawn is-sintomi u jżommu t-tfal id-dar f'każ li xi wieħed minn dawn ikun preżenti:
    - Temperatura ta' 37.2 °C jew ogħla
    - Uġigħ tal-griżmejn
    - Tqaħqiħa ġdida mhux ikkontrollata
    - Dijarrea, remettar, uġigħ ta' żaqq
    - Uġigħ ta' ras sever

Għalkemm l-iskola se tkun mgħammra bi prodotti għad-diżinfettar, importanti li l-ġenituri/gwardjani jassiguraw li kull student ikollu fuqu prodotti għad-diżinfettar bħal *wipes*, *tissues* u gel għad-diżinfettar tal-idejn.

### Trasport

- Kull student mistenni jżomm l-istess rotta u mhux se jkun permissibbli li jirkeb vetturi differenti.
- Importanti li t-tifel/tifla ikun akkumpanjat minn ġenitur meta jiġi l-van speċjalment filgħodu.
- Ser tittieħed it-temperatura mill-eskorti qabel l-istuent jitla' fil-van.
- Fejn u jekk hu possibli, jekk jogħġobkom infurmaw lit-tifel/tifla biex tilbes il-maskra/visor tul il-vjaġġ kollu u biex tibqa' bilqiegħda fejn jgħidilha x-xufier jew is-supervisor
- L-operaturi tal-vetturi/xufiera se jiddiżinfettaw postijiet li wieħed jaqbad magħhom ta' spiss wara kull vjaġġ.
- It-Taqsima tat-Trasport tal-Iskejjel se tkun qiegħda tagħmel kontrolli b'mod spontanju biex tassigura li din il-miżura qed tiġi mħarsa.

Maria Regina College
Creative, Innovative, Professional

**Maria Regina College**
Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre
Triq il-Madonna tal-Abbandunati
Wardija, San Pawl il-Baħar SPB 6351
25986780
mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt
http://sns.wardija.skola.edu.mt/

## Dħul u Ħruġ fl-Iskola

- Se jintużaw entraturi/postijiet tal-ħruġ
- Fejn u jekk hu possibli, ser ninkuraġixxu lit-tifel/tifla biex tilbes il-maskra/visor
- Mal-wasla tagħhom l-istudenti se jintalbu jiddiżinfettaw idejhom u se titteħdilhom it-temperatura fl-entratura tal-iskola. Jekk student jinstab li għandu temperatura ta' 37.2°C jew ogħla ma jitħalliex jibqa' l-iskola.
- Wara l-istudent se jintalab jibqa' sejjer dritt fil-klassi mal-eskorti biex kemm u fejn possibli tinżamm il-*bubble* tal-klassi.

## Użu ta' Maskri/Visors

- L-istaff se jilbes il-maskra/visor tul il-ħin kollu.
- Fejn u possibli l-istudenti huma mitluba jiġu l-iskola lebsin il-maskra/visor.
- Fejn u possiblie l-istudenti mitluba jilbsu l-maskra/visor fil-partijiet komuni tal-iskola bħal kurituri u *toilets*, kif ukoll fuq it-trasport.
- L-istudenti jistgħu jinżgħu l-maskra/visor biss fil-klassi u waqt l-Eżerċizzju Fiżiku.
- Il-maskri/visors iridu jintgħarfu b'isem it-tifel/tifla. Jekk jogħġobkom ħudu ħsieb ibagħtu mat-tfal borża jew *pocket* fejn il-maskra/visor tkun tista' titqiegħed meta ma tkunx qed tintuża.
- Il-ġenituri jridu jkunu ċerti li il-maskri jridu jinħaslu jew jinbidlu kuljum u il-*visors* iridu jintmesħu u jiġu diżinfettati kuljum.

## Il-ġurnata tal-iskola

- Fil-klassi se jkun hemm distanza adekwata bejn l-imwejjed, l-istudenti u l-membri tal-istaff.
- Il-*breaks* se jkunu f'ħinijiet differenti biex ikun hemm inqas studenti flimkien fl-istess ħin. L-istudenti se jitħallew jitħaltu  biss ma' studenti oħra mill-klassi tagħhom.
- Qed inħeġġu lill-għalliema biex fejn possibbli jużaw il-btieħi biex jagħtu l-lezzjonijiet.
- Fil-klassi/kurituri l-bibien/twieqi se jinżammu miftuħa għall-ventilazzjoni.

## Il-Garanzija ta' Ambjent Sigur

- Persuni mhux awtorizzati mhumiex se jitħallew jidħlu l-iskola. L-istudenti u staff awtorizzat BISS se jitħallew jidħlu fl-iskola.
- Aħna nixtiequ li l-ġenituri\kustodji jikkomunikaw magħna bit-telefon, imejl jew permezz tal-komunikazzjoni onlajn li se ngħinu biex titwaqqaf. Id-dettalji ta' kif għandkom tikkomunikaw magħna jinsabu f'paġna 4.

**Maria Regina College**
Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre
Triq il-Madonna tal-Abbandunati
Wardija, San Pawl il-Baħar SPB 6351
☎ 25986780
mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt
http://sns.wardija.skola.edu.mt/

- Qabel ma jidħlu fl-iskola, il-viżitaturi awtorizzati jridu jiddiżinfettaw idejhom bis-*sanitiser* ipprovdut u tiġi ċċekkjata t-temperatura tagħhom.
- L-iskola se żżomm rekord bid-dettalji tal-persuni awtorizzati kollha li jidħlu fil-bini tal-iskola.
- L-iskola se jkollha *stickers* imwaħħla apposta biex tgħin lill-istudenti u 'l-membri tal-iskola jżommu d-distanza soċjali.
- Se tinżamm sistema organizzata biex wieħed jiċċaqlaq minn post għal ieħor fl-iskola, ie. fil-kurituri wieħed irid dejjem jimxi fuq in-naħa tax-xellug.
- L-*assemblies/dismissals* se jinżammu onlajn meta t-tfal ikunu fil-klassi.
- Ma jistgħux isiru ħarġiet mill-iskola sakemm ikun hemm avviż ieħor.
- *Parents' day/evening* se jinżammu wkoll onlajn, għalhekk il-ġenituri huma mħeġġa li jniżżlu l-*Microsoft Teams*. Toqogħdux taħsbuha biex tikkuntattjaw l-iskola, jekk ikollkom bżonn xi ħaġa dwar dan.
- *Sanitisers* tal-idejn se jkunu mqassma fl-iskola u f'kull klassi.
- Se niżguraw li se jkun hemm l-aqwa kundizzjonijiet iġjeniċi fl-iskola tagħna billi jsir ħasil sew b'mod regolari. It-*toilets* se jitnaddfu regolarment u se jkun hemm is-sapun u l-karti *disposable* l-ħin kollu.

## F'Każ ta' Mard

- Jekk student iħossu ma jiflaħx fl-iskola, tintalab l-attenzjoni tan-nurse tal-iskola u dan l-istudent irid jittieħed fil-Kamra ta' Iżolament. Il-ġenituri/kustodji jintalbu biex jiġbru t-tifel/tifla tagħhom. Huwa importanti ħafna li l-ġenituri/kustodji jikkoperaw immedjatament u jikkuntatjaw it-tabib tal-familja.
- Jekk student kien f'kuntatt ma' xi ħadd li kien ikkonfermat pożittiv għall-COVID 19 fl-aħħar ġimagħtejn, l-istudent għandu jibqa' d-dar u jfittex il-parir ta' tabib.
- Jekk l-istudent ikun ivvjaġġa minn pajjiż mhux fil-lista ta' vvjaġġar (non-corridor) jew ta' riskju għoli (*amber*) fl-aħħar 14-il ġurnata, l-istudent għandu jibqa' d-dar.

## Nedukaw lil Uliedna

Il-ġenituri/kustodji huma wkoll imħeġġa biex jissapportjaw il-benesseri ta' kulħadd billi:

- Ifissru lit-tfal tagħhom li t-tgħanniq u tieħu b'idejn ħaddieħor mhumiex permessi.
- Juru lit-tfal tagħhom kif għandhom jaħslu sew idejhom bis-sapun u l-ilma.
- Fejn hu possiblii jgħallmu lit-tfal tagħhom biex ma jmissux wiċċhom, imneħirhom, ħalqhom u għajnejhom jekk ma jkunux ħaslu jew iddiżinfettaw idejhom immedjatament qabel.
- Fejn hu possibli jgħallmu lit-tfal tagħhom kif jużaw it-*tissues* meta jagħtsu/jisogħlu. It-tfal għandhom ikunu mgħallma kif jissoffjaw imneħirhom u jarmu t-*tissues* użati fil-bins provduti immedjatament wara l-użu tagħhom.

**Maria Regina College**
Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre
Triq il-Madonna tal-Abbandunati
Wardija, San Pawl il-Baħar SPB 6351
25986780
mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt
http://sns.wardija.skola.edu.mt/

**Informazzjoni**

- Jekk ikollkom bżonn tikkuntattjaw l-iskola, tistgħu tagħmlu dan billi ċċemplu fuq:25986780 jew tużaw l-imejl tal-iskola mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt jew permezz ta' Microsoft Teams.

**Informazzjoni Oħra**

- L-attendenza se tittieħed. Iċ-ċertifikati tal-mard iridu jiġu ppreżentati lill-eskorti jew mibgħuta b'imejl qabel ma l-istudent jirritorna lura l-iskola.
- L-basktijiet għandhom jintmesħu kuljum fejn possibli.
- L-istaff ser ikun qed jikkomunika magħkom via l-email tal-istudent.
- Aparti l-klassi, l-ebda kamra oħra ma hi ser tkun qed tintuża.
- Mhux permessibli ħruġ bla permess barra mill-klassi.
- Mhux ser ikun hemm ħruġ barra mill-iskola.
- Mhux ser ikunu organizzati "Celebration days", u attivitajiet speċjali.
- Ħudu ħsieb li t-tfal ma jiħdux affarijiet l-iskola li ma jkollhomx bżonnhom. Iċċekkjaw il-basktijiet tagħhom kull filgħodu.
- Kull ħaġa mitluba mill-iskola, inkluż ir-reċipjenti tal-ikel u l-fliexken, għandu jkollhom isem it-tfal imwaħħlin fuqhom. Dawn iridu jkunu miktubin b'mod ċar u jinħaslu kuljum.
- L-użu tal-funtani tal-ilma huwa għalissa assolutament ipprojbit. Għaldaqstant, il-ġenituri/kustodji għandhom jaraw li t-tfal ikollhom biżżejjed ilma għal matul il-ġurnata.
- Aħna ninkoraġġixxu lill-ġenituri/kustodji biex jagħtu lit-tfal aktar ikel san ħalli dan ikun jista' jsaħħilhom is-sistema immunitarja. Fl-iskola, se nkomplu nkattru l-imħabba għal stil ta' għajxien aktar san.
- L-ikel għandu jitqatta bil-lest mid-dar f'biċċiet zgħar. Ikel li jifdal mhux ser jingħata lura.
- Il-ġenituri/kustodji huma mitluba li jagħtu ċertu responsabbiltajiet lit-tfal u jgħallmuhom jagħmlu xi affarijiet waħidhom dejjem fejn hu possibli eż.kif jilbsu ż-żraben tagħhom, kif jilbsu l-ġkieket u jkunu organizzati.
- "Changing room" ser tkun "time-tabled" u diżinfettata wara kull użu.
- Il-ġenituri/kustodji huma mitluba li jinfurmaw lill-iskola jekk ikollhom xi suspett tad-dud fix-xagħar. It-tfal li jkollhom id-dud jintbagħtu d-dar u jkunu jistgħu jmorru lura l-iskola META jkollhom iċ-ċertifikat li juri li huma nodfa u li jistgħu jirritornaw l-iskola.

Maria Regina College
Creative, Innovative, Professional

**Maria Regina College**
Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre
Triq il-Madonna tal-Abbandunati
Wardija, San Pawl il-Baħar SPB 6351
25986780
mrc.dunmanuelattard.rc@ilearn.edu.mt
http://sns.wardija.skola.edu.mt/

- It-tfal għandhom bżonn bejn 8 sa 10 sigħat irqad. Tħallux lit-tfal jilagħbu sa tard bil-lejl jew iħallu mobiles, monitors, kompjuters, eċċ., fil-kmamar tas-sodda tagħhom għaliex jistgħu jqumu billejl u joqogħdu jilagħbu. Dan iġib nuqqas ta' rqad.
- Jekk ikun hemm xi ħaġa li tinkwetakom, ċemplu lill-iskola mill-ewwel ħalli tiddiskutu l-problema bil-kalma mal-istaff tal-iskola.
- Meta l-iskola u l-ġenituri jaħdmu id f'id, it-tfal ikunu aktar kuntenti u jmoru aħjar fl-istudji tagħhom.
- Dawk l-istudenti li huma kkonsidrati mid-Dipartiment tas-saħħa vunerabli jew li tħossu li għandhom jiġu eżentati li ma jattendux skola, intom mitluba li infurmaw lil kap tal-iskola via email b'dan.

**Bħal dejjem, aħna nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom u nħarsu 'l quddiem biex nilqgħu lil uliedkom għas-Sena Skolastika**



Nicholas Agius

Kap tal-Iskola